FIT - TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR: DR JOSEPH REFALO LL.D. Adv.Trib.Eccl.Melit,**

**Seduta ta' nhar it-Tlieta 26 ta' Marzu, 2002**

**Numru 7**

**Avviz. numru 1453/01JR**

**Fogg Insurance Agencies Limited ghan-nom u in rapprezentanza tas-socjeta' estera Octavian at Lloyds kif surrogata fid-drittijiet ta' l-assikurat taghha Herbert Puglisevich u l-istess Herbert Puglisevich**

**vs**

**Svea Maria Sammut**

**It-Tribunal,**

Ra l-avviz ipprezentat mill-atturi fit-12 ta' Novembru 2001 fejn talbu lill-konvenuta tghid l-ghaliex dan it-Tribunal m'ghandhux jikkundannaha li thallas lill-atturi l-ammont mitlub ta' mitejn u tlettax-il lira Maltin u tnax-il

**centezmu (Lm213.12c) rapprezentanti d-danni kollha sofferti mill-assigurat tas-socjeta' attrici Herbert Puglisevich, u li ghalihom ghamlet tajjeb, kwantu ghall-ammont ta' mija u tmienja u tmenin lira Maltin u tnax-il centezmu (Lm188.12c), is-socjeta' attrici Fogg Insurance Agencies Limited, u kwantu ghall-ammont ta' hamsa u ghoxrin lira (Lm25.00) l-istess Herbert Puglisevich in linea ta' *excess payment,* bhala rizultat ta' l-incident awtomobilistiku li sehh fl- 4 ta' Awissu 2000 ghall-habta tat-8:00p.m. gewwa Triq Cuschieri, Gzira, bejn il-vettura propjeta' ta' l-assigurat tas-socjeta' attrici Herbert Puglisevich, bin-numru tar-registrazzjoni IAA 645 u l-vettura misjuqa mill-konvenut bin-numru tar-registrazzjoni AAV 442, liema ncident sehh unikament bhala rizultat ta' traskuragni, negligenza, imperizja u non osservanza tar-regolamenti tat-traffiku da parti tal-konvenuta.**

**Bl-ispejjez, inkluzi dawk ta' l-ittra ufficjali li ntbaghtet kontestwalment ma' l-avviz lis-socjeta' assikuratrici Untours Insurance Agents, bhala agenti tas-socjeta' estera, Qatar Insurance Co., u interessi legali kontra l-konvenuta li giet ingunta ghas-subizzjoni.**

**Ra r-risposta pprezentata mill-konvenuta fil-5 ta' Dicembru 2001 fejn eccepiet:**

**Illi t-talbiet attrici ghandhom jigu michuda, bl-ispejjez stante illi l-incident stradali "de quo" sehh unikament tort ta' Herbert Puglisevich.**

**Salvi eccezzjonijiet ulterjuri.**

**Semgha x-xhieda ta' PS441 Louis Micallef, Herbert Puglisevich, Svea Maria Sammut, Maria Concetta Sammut. Ha konjizzjoni tad-dokumenti kollha esebiti u tac-cirkostanzi kollha tal-kaz.**

**Ikkunsidra:**

1. **Din il-kawza tirrigwarda kollizzjoni li sehhet fl-4 ta' Awissu, 2000, ghall-habta tad-9p.m., fit Triq Cuschieri, Gzira, bejn il-vettura Mitsubishi Lancer numru ta' registrazzjoni IAA-645 misjuqa mill-attur, u l-vettura Skoda 120 numru ta' registrazzjoni AAV-442 misjuqa mill-konvenuta.**

2. **Jirrizulta li l-konvenuta kienet hierga mill-parkegg, filwaqt li l-attur kien gej minn Triq Belvedere, minn naha tax-xellug, u dahal ghal go Triq Cuschieri. Hekk kif dahal f'din it-triq gara l-incident.**

3. **L-attur qed jghid li l-konvenut irriversjat go fih, filwaqt li l-konvenuta qed tghid li hi kienet qed tibdel gear biex timxi il-quddiem meta hasset id-daqqa. Bhala konsegwenza ta' l-incident l-attur kellu hsarat fil-bieba ta' quddiem tal-lemin, filwaqt li l-konvenuta ma kellhiex danni.**

4. Jirrizulta kemm mill-okkorrenza kif ukoll mix-xhieda li l-attur filwaqt li kien diehel fi Triq Cuschieri kien qed ihares fuq ix-xellug.

5. L-attur jispjega li hu kien qed ihares fuq ix-xellug peress li Triq Cuschieri hija one way, u ma tferrax ghal go Triq Belvedere, u ghalhekk ma setghax ikun hemm karrozzi gejjin minn go Triq Cuschieri.

6. It-Tribunal pero` innota li l-istess attur kien jaf ben tajjeb li fi Triq Cuschieri kien hemm "parking bays", u konsegwentement ikun hemm min ikun qed necessarjament jaghmel manuvra biex johrog mill-parkegg. Ghalhekk ma jsibx gustifikat il-fatt li l-attur ma harisx fuq il-lemin tieghu wkoll. L-istess attur xehed: "Ma rajtx lill-konvenuta gejja fuqi."

7. Mil-lat l-iehor il-konvenuta kienet hierga mill-parkegg u hi tghid li kienet qed thares lura kontinwament, u ma ratx karrozzi gejjin. Jigi rilevat li z-zewg vetturi kienu mexjin bil-mod. It-Tribunal hu soddisfatt li fil-mument tal-kollizzjoni l-konvenuta kienet kwazi pratikament wieqfa, pero` ghada qed tibdel il-gear biex timxi il-quddiem. Anke minn kif inhi d-daqqa fil-vettura ta' l-attur kif murija fir-ritratti esebiti, jirrizulta li necessarjament il-konvenuta kienet ghada miexja b'lura, anke jekk minimament. F'dan il-kuntest it-Tribunal jinnota li ta' bilfors

**il-konvenuta ma zammitx proper look-out sufficjenti ghall-manuvra li kienet qed taghmel, meta habtet mal-attur.**

8. **Jirrizulta ghalhekk li l-incident sehh minhabba nuqqas ta' proper look-out da parti taz-zewg sewwieqa, tort ta' l-attur li ma kienx qieghed attent ghat-traffiku li kien hemm quddiemu, u tort ukoll tal-konvenuta li ma kienetx bizzejjed attenta waqt li qed taghmel manuvra ta' reverse. Ghalhekk id-danni ghandhom jigu sopportati ugwalment bejn il-partijiet fi kwoti ugwali.**

9. **Bhala danni l-attur garrab b'mitejn u tlettax-il lira Maltija u tnax-il centezmu (Lm213.12), liema danni jirrizultaw mid-dokumenti esebiti. Ghalhekk il-konvenuta ghandha thallas nofs dan l-ammont, cioe` erbgha u disghin lira Maltija u sitt centezmi (Lm94.06) lis-socjeta` attrici u tnax-il lira Maltija u hamsin centezmu (Lm12.50) lill-attur.**

**Ghaldaqstant it-Tribunal qed jilqa' t-talba attrici limitatament f'nofs l-ammont mitlub, in kwantu l-incident gara tort taz-zewg partijiet fi kwoti ugwali, u konsegwentement jikkundanna lill-konvenuta thallas lis-socjeta` attrici s-somma ta' erbgha u disghin lira Maltija u sitt centezmi (Lm94.06), u lill-attur is-somma ta' tnax-il lira Maltija u hamsin centezmu (Lm12.50), bl-imghaxijiet legalili jibdew jiddekorru mill-lum, salv kull dritt tal-konvenuta fil-konfront ta' l-attur.**

**Fic-cirkostanzi partikolari tal-kaz, l-ispejjez ghandhom jigu sopportati ugwalment bejn il-partijiet.**

**Dr Joseph Refalo**

**Gudikatur**